*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,591, 17 ta' Marzu, 1998*
*Taqsima B*

**A.L. 83 ta' l-1998**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) - or in Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - or in Educational Psychology - M.Psy. (Ed.)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu u interpretazzjoni**

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) - or in Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - or in Educational Psychology - M.Psy. (Ed.).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy.(Clin.) - jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - jew fl-Educational Psychology - M.Psy.(Ed.); u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy.(Clin.) - jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - jew fl-Educational Psychology - M.Psy.(Ed.).

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1997 jew wara.

**Eliġibilita' għall-Grad**

3. Biex ikun eliġibbli għall-għoti tal-Grad, student għandu -

(a) jtemm b'suċċess il-kors ta' l-istudji;

(b) jgħaddi mill-eżamijiet rilevanti;

(c) jtemm b'suċċess il-pjazzamenti prattiċi; u


(d) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti u f'xi statuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

**Rekwiżiti Speċjali tal-Kors**

4. (1) Biex jidħlu fil-kors il-kandidati għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin, jew l-ekwivalenti tagħhom:

(a) għall-kors fil-Clinical Psychology jew fil-Counselling Psychology:

(i) il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours), *normalment bl-Ewwel*



(i) il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours), normalment bl-Ewwel jew bit-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri), jew kwalifika ekwivalenti mill-Universita', jew minn universita' oħra; u

(ii) kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta mill-Universita'; u

(iii) sentejn esperjenza bħala għalliema kwalifikati jew xogħol simili kif approvat mill-Bord.

(2) Il-kandidati għandhom joqogħdu għal intervista biex jiġi aċċertat li għandhom ix-xejriet meħtieġa.

(3) Il-Bord għandu jistabbilixxi l-għadd ta' kandidati li jistgħu jitħallew jirreġistraw f'xi wieħed mit-tlett oqsma ta' speċjaliżżazzjoni indikati fil-paragrafu (1) tar-regolament 6 skond id-disponsibilita' ta' riżorsi. Il-Bord għandu, madanakollu, jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli f'kull qasam ta' speċjaliżżazzjoni fil-ħin li jinfetħu l-applikazzjonijiet.

**It-Tul tal-Kors**

5. (1) Il-Kors għandu jestendi fuq sentejn akkademiċi fuq bażi *full-time*.

(2) L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw qabel tibda kull sena akkademika.

(3) Il-pjazzamenti prattiċi għandhom jieħdu madwar 50% tal-Kors.

**Il-Kors ta' l-Istudji**

6. (1) L-istudenti huma meħtieġa jagħzlu wieħed mill-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni li ġejjin: Clinical Psychology, jew Counselling Psychology, jew Educational Psychology.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti:

(a) f'sitt moduli mgħallma, li jikkonsistu f'taqsimiet studju li għalihom huma assenjati mhux inqas minn tletin kredtu;

(b) pjazzamenti prattiċi;

(ċ) dissertazzjoni; u

(d) eżami finali bil-miktub.

**Valutazzjoni u Eżamijiet**

7. (1) L-istudenti jingħataw assenjamenti u pjazzamenti prattiċi li jkunu valutati. Huma għandhom ikunu meħtieġa wkoll jgħaddu mid-dissertazzjoni u mill-eżami finali bil-miktub.

(2) L-istudenti huma meħtieġa li jgħaddu mit-taqsimiet studju kollha li jsiru kif ukoll mill-pjazzamenti prattiċi sabiex jipproċedu mill-ewwel għat-tieni sena tal-Kors.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi wieħed jew aktar mit-taqsimiet studju li jsiru fl-ewwel sena jistgħu jerġgħu jissottomettu l-assenjament/i jew jerġgħu joqogħdu għat-testijiet darba biss, normalment f'Settembru. L-istudenti li jgħaddu għandhom jingħataw l-anqas grad D.

(4) L-istudenti li jeħlu fil-pjazzamenti prattiċi ta' l-ewwel sena u/jew f'xi wieħed mit-taqsimiet studju li saru għandhom ikunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

(5) F'każijiet eċċezzjonali, is-Senat jista' jħalli studenti li jeħlu fil-Kors jerġgħu jidħlu fil-Kors ma' l-ewwel opportunita'.

(6) L-istudenti għandhom joqogħdu għall-eżami finali bil-miktub fi tmiem il-Kors, wara li jtemmu b'suċċess is-sitt moduli mgħallma u l-pjazzamenti prattiċi.

(7) L-eżami finali għandu jikkonsisti f'eżami bil-miktub ta' żewġ karti kif ukoll eżami orali.

(8) L-istudenti li jeħlu f'waħda jew fiż-żewġ karti ta' l-eżami finali bil-miktub u/jew fl-eżami orali jistgħu jitħallew mill-Bord joqogħdu għar-riparatorju f'dik il-karta jew f'dawk il-karti u/jew joqogħdu mill-ġdid għall-eżami orali darba, normalment f'Settembru.

(9) L-istudenti li jgħaddu mir-riparatorju ta' l-eżami finali bil-miktub jistgħu jingħataw biss l-anqas grad D.

(10) F'każijiet eċċezzjonali, is-Senat jista' jippermetti estensjoni tal-Kors għal studenti fit-tieni sena ta' l-istudji.

**Dissertazzjoni**

8. (1) L-istudenti għandhom jippreżentaw dissertazzjoni bil-miktub ta' mhux aktar minn 25,000 kelma fit-tul fuq suġġett propost minnhom u approvat mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha tkun xhieda ta' riċerka indipendenti u għandha tikkostitwixxi kontribuzzjoni oriġinali għas-suġġett.

(2) It-titlu u l-abbozz proposti tad-dissertazzjoni għandhom ikunu approvati mis-superviżur u ppreżentati lill-Bord għall-approvazzjoni finali sa mhux aktar tard minn Ġunju ta' l-ewwel sena. Kull tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni proposta li jkun iddettat mill-progress ta' l-istudji u r-riċerka ta' l-istudent għandu jkun riferit lill-Bord għall-approvazzjoni tiegħu.

(3) L-istudenti għandhom ikunu assenjati superviżur.

(4) Il-Bord, f'konsultazzjoni mas-superviżuri u/jew ma l-istudenti, huwa responsabbli li jħares il-progress tad-dissertazzjoni. Il-Bord għandu minn żmien għal ieħor jistabbilixxi proċeduri sabiex titħares din ir-responsabilità'.

(5) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu d-dissertazzjoni għall-eżami mhux iktar tard minn Mejju tat-tieni sena tal-Kors.

(6) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(7) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jitlaqqa' miċ-Ċermen sabiex jiddiskuti d-dissertazzjonijiet. L-istudenti jistgħu wkoll jintagħlbu joqogħdu għal eżami *viva voce* sabiex jiddefendu d-dissertazzjoni.

(8) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' japprova d-dissertazzjoni. Huwa jista' jitlob lill-istudenti sabiex jagħmlu tibdil jew jiktbu mill-ġdid id-dissertazzjoni u jissottomettuha f'perjodu ta' sitt xhur mis-sottomissjoni tad-dissertazzjoni, jew jista' jirrifjuta d-dissertazzjoni għal kollox.

(9) Studenti li d-dissertazzjoni tagħhom tkun rifjutata, jew li t-tibdil jew kitba mill-ġdid huma meqjusa inadegwati, jew li ma jkunux ippreżentaw d-dissertazzjoni fiż-żmien stabbilit m'għandhomx jingħataw il-Grad.

(10) L-istudenti li jgħaddu mid-dissertazzjoni wara li jissottomettuha mill-ġdid għandhom jingħataw l-inqas grad D.

**Ir-Riżultati Finali**

9. (1) Il-klassifika finali ta' l-istudenti għandha tkun imsejsa fuq il-livell milħuq minnhom fis-sitt moduli mgħallma, il-pjazzamenti prattiċi, id-dissertazzjoni u l-eżami finali bil-miktub, b'piż ta' 20%, 45%, 20% u 15%, rispettivament.

(2) L-istudenti li jgħaddu mill-valutazzjoni tal-moduli mgħallma, il-pjazzamenti prattiċi, id-dissertazzjoni u l-eżami finali bil-miktub jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad u isimhom għandu jkun ippublikat f'ordni alfabetiku u kklassifikat kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

(3) L-istudenti li jgħaddu jingħatalhom il-Grad skond il-qasam ta' speċjaliżżazzjoni tagħhom.